# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 ta' Mejju, 2016

**Talba Nru: 927/15 DMA**

**Vodafone Malta Limited**
**(C 10865)**

**Vs**

**Keith Balzan**
**(K.I. 449888M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Dicembru, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-intimat ghandu jigi kkundanat ihallas l-ammont ta' tlett elef u erba' mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06) liema somma qedgha tigi ridotta mis-socjeta' attrici u dan sabiex dan it-Tribunal ikun jista' jiehu konjizzjoni ta' din it-talba, liema somma hija rapprezentanti tal-ammont dovut lis-socjeta' attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat abbazi tat-tariffa 'Voda Red Traveller'

referribli ghall-kont bin-numru 1.109692, u dank if jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. VF 1.';

Illi minkejja li l-intimat gie interpellat diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv tal-ammont hawn reklamat, hu baqa' inadempjanti bil-konsegwenza illi kellha tigi adottata din il-procedura.

Bl-ispejjez, inkluz dawk referibbli ghal Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment ma din it-talba, u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont, kontra l-intimat, bl-ingunzzjoni tal-intimat in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Deher Dr Joseph Grech bil-gurament ikkonferma illi l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' tlett elef u erba' mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06) bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont.

Bl-ispejjez, inkluz dawk referibbli ghal Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment ma din it-talba jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**